MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 150/1998/1

**Is-Socjeta` Kummercjali Dominic Department Stores Ltd.**

**vs**

**Is-Socjeta` Kummercjali Malta Dairy Products Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

1. B’att ta’ citazzjoniipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fil-31 ta’ Lulju 1998, is-socjeta` attrici wara li ippremettiet:
Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn socjeta` attrici versu s-somma ta’ elfejn tmien mija wiehed u sittin Liri Maltin u erbgha u sittin centesimi (Lm2,861.64) prezz ta’ merci li gew mibjugha w ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha stess ossia ta’ l-impjegati taghha fl-interess ta’ l-imsemmija socjeta` konvenuta;

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta sarulha diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, l-ammont pretiz baqa’ sallum mhux saldat;

Illi l-hlas dovut mis-socjeta` konvenuta huwa cert, likwidu, u dovut, u s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq sabiex tikkontesta t-talba tas-socjeta` attrici ghal dan il-hlas;

L-istess socjeta` attrici talbet li dina l-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta’ l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12;

2. tiddikjara dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ elfejn tmien mija u wiehed u sittin Liri Maltin u erbgha u sittin centesimi (Lm2,861.64) prezz ta’ merci li gew mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha stess ossia ta’ l-impjegati taghha fl-interess ta’ l-imsemmija socjeta` konvenuta;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta’ elfejn tmien mija u wiehed u sittin Liri Maltin u erbgha u sittin centesimi (Lm2,861.64), bl-imghaxijiet mid-data li fiha l-oggetti mibjugha gew ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta sal-hlas a saldu.

2. Fis-seduta tat-3 ta’ Settembru 1998, is-socjeta` konvenuta talbet li tikkontesta l-kawza u l-Qorti, wara li kienet soddisfatta li s-socjeta` konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi xi tressaq, awtorizzat lill-istess

socjeta` biex tressaq l-eccezzjonijiet taghha fiz-zmien kontemplat mil-ligi.

3. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-3 ta' Settembru 1998, is-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija perenta ghat-termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` eccipjenti ma' hijiex il-legittimu kontradittur ghad illi l-merkanzija ma' inxtratx mis-socjeta` eccipjenti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Bis-sentenza taghha tat-2 ta' Gunju 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ippronunzjat ruhha hekk:
"Rat il-verbali tax-xhieda ta' Dominic Sultana ghan-nom tas-socjeta` attrici. Irrizulta mill-istess xhieda illi Dominic Sultana kkonferma illi sa dik id-data l-ammont indikat fic-citazzjoni u cioe` s-somma ta' elfejn tmien mija wiehed u sittin lira u erbgha u sittin centezmu (LM2,861.64c), kien ghadu kollu dovut, lill-istess socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti ghalhekk, u in vista tax-xhieda ta' Dominic Sultana, u peress li jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara dovuta lis-socjeta` attrici minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta' elfejn tmien mija wiehed u sittin Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM2,861.64c), prezz ta' merci mibjugha w ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha, ossija ta' l-impjegati taghha, fl-interess ta' l-imsemmija socjeta` konvenuta.

U ghalhekk tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' elfejn, tmien mija wiehed u sittin Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM2,861.64c), bl-imghaxijiet mid-data li fiha l-oggetti mibjugha gew ikkonsenjati sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta."

## II. L-APPELL

5. Is-socjeta` konvenuta interponiet appell minn din is-sentenza fit-22 ta' Gunju 2000. Ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors ta' l-appell taghha, hija talbet li dina l-Qorti joghogobha tirrevoka, tannulla u /jew thassar id-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tat-2 ta' April, 2000 u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti filwaqt li tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici.

6. Permezz ta' risposta prezentata fil-31 ta' Lulju 2000, s-socjeta` appellata tat ir-ragunijiet taghha ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma. Ghalhekk, talbet li dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u in vista li l-appell kien manifestament frivolu talbet li dina l-Qorti tikkundanna lis-socjeta` attrici (sic!) thallas l-ispejjez doppjament.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

7. Is-socjeta` appellanti ressqet zewg aggravji u cioe`:
(a) li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet ippruvata sodisfacentement fir-rigward ta' l-maggjorparti tal-fatturi meritu tal-kawza.

(b) li l-fatturi li mhumiex koperti bl-imsemmija eccezzjoni tal-preskrizzjoni jirriferu ghal xiri li saru minn Peter Paul Bajada, persuna li mhix impjegata mas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk din is-socjeta` ma kellhiex responsabbilita` ghall-hlas.

8. Jirrizulta li l-Ewwel Qorti injorat u ma ddecidietx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fuq dan il-fatt **biss**, hemm lok li s-sentenza appellata tigi revokata. Mhux il-kaz li l-kawza tigi rinvjata lil l-Ewwel Qorti izda hemm lok li din il-Qorti tinvestiga din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tiddecidiha hi stess fuq il-ftit provi akkwiziti fil-process.

9. Il-preskrizzjoni eccepita hi bazata fuq l-Artikolu 2148, ezattament il-paragrafu (b) tieghu li jaqra hekk:
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar: ......

(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut."

10. Is-socjeta` appellata qeghdha tikkontesta din l-eccezzjoni billi tallega fl-ewwel lok li kien hemm *in vigore* kont kurrent, u fit-tieni lok li l-preskrizzjoni giet interrotta bir-rikonoxximent tad-debitu da parti tas-socjeta` konvenuta.

11. Is-socjeta` appellata tispjega l-ewwel imsemmija allegazzjoni taghha hekk:
"Illi jirrizulta mid-depozizzjoni tad-direttur manigerjali tas-socjeta` attrici li s-socjeta` appellanti kienet u ghadha thaddem kont kurrent mas-socjeta` attrici dwar xiri u konsenji ta' diversi merci mill-*hardware store* gestit mis-socjeta` attrici."

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li din l-allegazzjoni tqajjmet l-ewwel darba quddiem din il-Qorti u provi biex isostnuha, tista' tghid li ma jezistux fil-process. Il-prova ta' l-allegat kuntratt ta' kont kurrent – li hu kuntratt *sui generis*: (ara [Giovanni Ziongo vs P.S. Giuseppe Papagiorcopulo 7, Marzo, 1872, Corte di Commercio di Sua Maesta` Vol. VI – 137]) - kienet tmiss lis-socjeta` attrici. Din il-prova ma saritx, u ghalhekk l-allegazzjoni li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet regolata minn kont kurrent, ma tistax tintlaqa'.

12. Jista' jkun li meta s-socjeta` appellata irreferiet ghall-kont kurrent, forsi kellha l-hsieb li tirreferi ghall-Artikolu 2151 Kap. 16 dwar il-kontinwazzjoni ta' fornituri. Dana jiddisponi hekk:
"(1) Fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni, ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogholijiet, servizzi, jew qadi iehor.

(2) Izda, f' kull kaz bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xoghlijiet, servizzi, jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma

taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni."

Billi ir-rekwiziti msemmija fis-subartikolu (2) assolutament ma jissussistux fil-kaz odjern, il-preskrizzjoni ta' hames snin hemm imsemmija hija eskluza u l-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 2148(b) tibqa' applikabbli ghall-kaz odjern.

13. Is-socjeta` appellata qeghda tallega li t-terminu preskrittiv gie interrot bir-rikonoxximent tad-debitu da parti tas-socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellata qeghdha tiddezumi dan ir-rikonoxximent tad-debitu mill-fatt li, meta s-socjeta` appellanti kienet tircievi l-i*statements* tas-socjeta` appellata, is-socjeta` appellanti kienet tirrispondi li sejra tivverifika w anke kienet titlob li tinghata kopji tal-fatturi in kwistjoni.
Mistoqsija ta' "Dr. Mario Scerri: "Dwar dal-kont, dwar dan l-ammont li dwaru qed issir il-kawza, Bruno Tucci jew ir-rapprezentanti ta' Malta, li kont tikkomunika maghhom int, x'kienu jghidulek?"

Risposta ta' Domenic Sultana: "Kienu jghidulu, dawn ha nhalluhom pendenti, jien qed niccekkjahom, tghidli. Tajnihom copies tal-*invoices* kollha, ta' dak l-ammont li hemm, u bqajna bla risposta. .... Qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-ammont, dejjem "ha niccekkjaw ma' Bruno kif inhuma l-affarijiet", fil-fatt niftakar li darba minnhom kienu qaluli li gew u iccekkjaw ix-xoghol u wrihom ix-xoghol fejn kien, Bruno." (ara fol. 28 tal-process)

14. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk:
"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe. jinghad hekk:
"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom

immedjatament juru dik il-volonta`; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;

Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI. P. 190, para. 179), "............ nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca............"
Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci ...... Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi:- "Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito".

15. Fil-kaz odjern certament ma kien hemm l-ebda rikonoxximent espress tad-debitu. Lanqas ma jista' jinghad li gie soddisfacentement pruvat li kien hemm rikonoxximent tacitu ghaliex ma rrizultax li s-socjeta` konvenuta ghamlet xi att li fih innifsu juri l-volonta` univoka li tirrikonoxxi id-dritt tas-socjeta` attrici. Anzi jirrizulta mix-xhieda ta' l-imsemmi Dominic Sultana (ara fol. 27) li:
".... qabel, ha xoghol u thallas, wara ha xoghol li thallas ukoll. Jigifieri hallewli dak l-ammont pendenti."

L-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili jghid hekk:

"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih."

Il-fatt li s-socjeta` appellanti ma ghamlitx hlas akkont izda hallset ghax-xoghol li hadet qabel il-partiti in kontestazzjoni, kif ukoll hallset ghall-partiti li xtrat wara, hija indikazzjoni carissima li l-kont li baqa' ma thallasx

kien qed jinzamm pendenti precizament ghaliex is-socjeta` appellanti kienet qeghdha tikkontestah.

16. L-i*statement* esebit mis-socjeta` attrici a fol. 5 *et seq* kien jimmerita spjegazzjoni. X'aktarx li l-ewwel partita ta' bejgh tirrisali ghad-data tal-15 ta' Gunju 1994, waqt li l-ahhar partita ta' bejgh, meritu tal-kawza, tirrisali ghat-13 ta' Gunju 1997. Is-socjeta` appellanti tikkoncedi li giet notifikata b'ittra ufficcjali tat-30 ta' Marzu 1998. Jidher li din l-ittra ufficjali kienet l-ewwel tentattiv tas-socjeta` appellanti li bih ipprovat tinterrompi l-preskrizzjoni estensiva. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fil-31 ta' Lulju 1998. Ghalhekk jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-preskrizzjoni invokata mis-socjeta` appellanti tirrizulta fil-konfront tal-maggjorparti tal-partiti kollha ta' bejgh, izda ma tirrizultax fil-konfront ta' l-ahhar erba' partiti cioe` dawk ta' tmien Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm8.28), hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm25.05), ghaxar Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm10.35) u tmien Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm8.76) – li jgibu total ta' tnejn u hamsin Lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm52.44).

17 Fil-konfront tal-partiti li m'humiex koperti bl-imsemmija preskrizzjoni is-socjeta` appellata ressqet l-aggravju li hija m'hijex responsabbli ghall-hlas taghhom billi x-xiri relattivi sar minn Peter Paul Bajada, li ma kienx persuna impjegata mis-socjeta` appellanti. Din l-allegazzjoni, pero`, ma hija bl-ebda mod sostnuta mill-provi akkwiziti fil-process, ghaliex nonostante li s-socjeta` konvenuta kellha ampja opportunita` li tressaq il-provi taghha, hija naqset li taghmel dan. Ghalhekk dan l-aggravju mhux fondat.

18. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell in parte, billi prevja li tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif fuq inghad, u ghalhekk tiddikjara li s-somma dovuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta` attrici, skond it-tieni talba hija biss is-somma ta' tnejn u hamsin Lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm52.44). Konsegwentement tilqa' it-tielet talba limitatament ghal din is-somma ta' Lm52.44. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' l-appell jithallsu skond ir-rispettiv rebh u telf.

---------------------------------TMIEM---------------------------------